# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 937

KAZ NRU. 990/991

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Christopher Vella/
Gina Glass

u

Holiday Inn Crowne Plaza
Hotel

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' April, 1998

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

## 1. INTRODUZZJONI

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' zewg ittri datati 6 ta' Dicembru 1995 Ref. 4/95 Vol. 11/97 u Ref. 4/95 Vol. 11/98 biex jigu processati skond l-Art. 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm ghoxrin (20) seduta.

Il-Holiday Inn Crowne Plaza Hotel li minn issa tidher bhala il-"kumpanija" kienet rapprezentata mis-sur Joseph Caruana, Personnel Manager assistit mill-avukat Hugh Peralta, wagt li Christopher Vella u Gina Glass li minn

issa jidhru bhala l-"appellanti" kienu assistiti mis-sur Joe Grima, Segretarju Taqsima Hotel, Restaurants & Food tal-General Workers' Union assistiti mill-avukat Toni Abela.

2. **PRELIMINARI**

Il-kaz taz-zewg appellanti bed jinstema' fil-21 ta' Marzu, 1996 taht ic-Chairman is-sur Anthony Farrugia u gie riferit lic-Chairman sottoskritt biex ikompli jisma' l-kaz minhabba l-indisposita tas-sur Anthony Farrugia minhabba raguni ta' sahha. Is-sottoskritt Chairman kompla jisma' l-kaz mill-ħames seduta mizmuma fl-10 ta' Marżu, 1996.

Fis-16 ta' Mejju, 1996 il-kazi gew diferiti minhabba kawza kostituzzjonali dwar il-komposizzjoni generali tat-Tribunal. Dan l-aggornament intemm fl-4 ta' Lulju, 1996.

It-Tribunal gie diferit ghat-8 ta' Awissu, 1996 meta sema' l-verbal taz-zewg partijiet.

3. **XHIEDA**

Tul is-smigh tal-kazi nstemghu is-segwenti xhieda :-

| | | |
|---|---|---|
| James D. Smith | - | Membru tal-Group 4 Securitas |
| Trevor S. Corcoran | - | Membru tal-Group 4 Securitas |
| Stephen Lloyd | - | General Manager |
| Anthony DeGiovanni | - | Head Personnel & Ind. Relations Subsidiaries |
| Victor Pollacco | - | Financial Controller |
| Angelo Vassallo | - | Food & Beverages Controller |
| Tanya J. Camilleri | - | Kaxxiera Outlets |
| John Mansueto | - | Ex-Secretary - G.W.U. |
| Ron Gaffiero | - | Beverages Manager |

| | | |
|---|---|---|
| Franco Schembri | - | Asst. Beverages Manager |
| Michael Corser | - | Asst. Shop Steward |
| Joe Caruana | - | Personnel Manager |

4. **PASSI DIXXIPLINARJI**

Iz-zewg appellanti sfaw imkeccija wara li dehru quddiem Board tad-Dixxiplina fis-7 u 8 ta' Awissu, 1995 fil-Hotel Holiday Inn Crowne Plaza akkuzati hekk :-

Christopher Vella :-

1. Theft of various sums of money to the detriment of the Company.

2. Disobeying Company instructions.

3. Making the Company liable to criminal prosecution.

4. Issuing false receipts.

5. Failing to charge for drinks.

Gina Glass kienet akkuzata fuq l-ewwel tlett akkuzi. Fil-process dixxiplinarju, z-zewg appellanti kienu assistiti mis-sur Joe Grima Segretarju Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-G.W.U. u Michael Corser, Assistant Shop Steward fil-Holiday Inn.

Christopher Vella kien il-Barman waqt li Gina Glass kienet il-Waitress.

Vella gie misjub hati fuq l-ewwel erba' (4) akkuzi, waqt li Gina Glass ma nstabitx hatja fuq l-ewwel akkuza.

It-terminazzjoni ta' l-impjieg taghhom kien b'sehh mill-4 ta' Awissu, 1995.

Ir-raguni mnizzla ghat-terminazzjoni tal-impjieg taz-zewg appellanti fuq ic-Certifikat tat-Temm ta' Impjieg fuq il-Formola tal-E.T.C. kien "Company Termination".

L-ittra mibghuta liz-zewg appellanti fuq il-firma tal-Personnel Manager datata l-4 ta' Awissu 1995 kienet tirreferi ghar-rapport li kienu ghamlu James D. Smith u Trevor S. Corcoran, zewg membri tal-Group 4 Securitas dwar l-investigazzjonijiet li kienu ghamlu fil-Piano Bar tal-Holiday Inn fl-1 u 2 ta' Awissu 1995.

It-terminazzjoni ta' l-impjieg taz-zewg appellanti kienet komunikata lilhom fl-10 ta' l-istess xahar fuq il-firma tas-sur Stephen Lloyd, General Manager ta' dak iz-zmien.

**SOTTOMISSJONIJIET**

L-appellant Vella kkontenda li r-raguni primarja biex tkecca ma kienet xejn izjed minn attentat biex il-kumpanija tehles minnu bhala Shop Steward. L-arkitett ta' din il-manuvra kien l-ex-General Manager Stephen Lloyd, skond Vella, li bbakkja din l-allegazzjoni bil-kontenut ta' ittra li kien baghat l-istess General Manager lis-Segretarju tat-Taqsima ta' dak iz-zmien. Ghar-rigward tar-rapport tal-membri tal-Group 4 Securitas Vella cahad l-akkuzi kontrieh u kellu d-dubju kemm kienu fil-Piano Bar f'gurnata mit-tnejn li rrapurtaw li kienu hemm. Qal li jiftakar li dak li kien fih ragel, issollicitah biex itih "receipts" tas-sales ghall-valur ta' mija u hamsin liri Maltin (Lm150) biex ikun jista' jikklejmjhom mill-kumpanija li kien jahdem maghha. Ghalkemm dan il-persuna

kellmu, hu ma kienx jafu u sar jaf li kien tal-Group 4 meta gie akkuzat b'diversi nuqqasijiet.

Meta rrefera ghan-nuqqas ta' qbil mal-General Manager, Vella qal li dan kien f'isem il-Union li kien jirrapprezenta. Pero' skond Vella, l-aktar issue li l-General Manager deher ma kienx ha gost biha kienet it-talba tieghu (Vella) biex il-bonus annwali li l-kumpanija kienet taghti lill-membri manigerjali tinqasam ukoll ma l-istaff tal-Hotel.

Semma wkoll kif fl-ittra li l-General Manager kien baghat liz-zewg appellanti, kien qalilhom li l-kaz taghhom seta' jinghata f'idejn il-pulizija pass li ma ttihidx, ghar-raguni fil-fehma tal-appellanti ghax il-kumpanija ma kellhiex ragun.

Fis-sottomissjonijiet taghha l-kumpanija sostniet li kellha provi bizzejjed u sufficcjenti meta waslet ghad-decizjoni li tittermina l-impjieg taz-zewg appellanti. Ma kienx minnu qalet il-kumpanija li Vella tkecca ghax kien Shop Steward u lanqas ma kien minnu li Vella u Glass kienu l-vittmi ta' "frame up" ghar-raguni li l-membri tal-Group 4 li kienu gew imqabbda jinvestigaw ma gewx diretti biex jaghmlu hekk specifikament ghall-Vella u Glass. Fil-fatt dawn l-investigazzjonijiet fuq il-Piano Bar kienu ilhom sejrin fuq diversi gimghat. Dawn l-investigazzjonijiet kienu mehtiega ghax is-*sales potential* tal-Piano Bar kienu tbaxxew konsidervoli.

Ghar-rigward tal-akkuzi u l-proceduri dixxiplinarji, il-kumpanija sostniet li dawn saru skond il-Ftehim Kollettiv, biz-zewg appellanti moghtija l-facilitajiet kollha biex jiddefendu lilhom infushom bl-assistenza tas-Segretarju Joe Grima tal-General Workers' Union. Il-kumpanija qalet

li fl-ebda stadju tal-"hearing" tad-dixxiplina ma kien hemm oggezzjoni ghall-proceduri.

Ghar-rigward l-ghala l-kumpanija ma rreferitx il-kaz lill-pulizija, intqal li dan sar bi skop umanitarju wara t-tkeccija, kastig li l-kumpanija kkunsidrat xieraq. bizzejjed minghajr il-htiega ta' proceduri kriminali kontra z-zewg appellanti.

Fis-sottomissjonijiet finali taghhom l-appellanti regghu innegaw l-akkuzi kontrihom bl-appellant jaccenna li dak li sar kellu l-intenzjoni li jehilsu minnu bhala Shop Steward, ghax mhux dejjem kien jaqbel mal-Management. L-appellanti kkontestaw kemm kien veru li l-membri tal-Group 4 kienu prezenti f'wahda mill-granet li qalu kienu marru josservaw il-Piano Bar.

Ikkontestaw ukoll fid-dettal il-kopja ta' "invoices" u formoli "voids" li l-kumpanija pproduciet biex tissustanzja l-kaz taghha.

L-appellanti kkontestaw il-mottiv fil-fehma taghhom sottili trasmess fil-listi ta' l-attendenza taghhom flimkien fil-Piano Bar. Staqsew jekk dan kienx allura japplika ghall-membri ohra fil-Holiday Inn li kienu jigu ghax-xoghol, membri li kienu koppji mizzewgin.

L-appellanti kkontestaw ukoll il-procedura dixxiplinarja applikata fil-kaz taghhom u attakkaw b'certa nsistenza l-kredibilita' taz-zewg membri tal-Group 4 li kienu marru jinvestigaw l-operat tal-Piano Bar, b'riferenza li wiehed minnhom kien osservat li ghalkemm mhux fis-sakra kien imlahlah.

Tant ma kinitx konvinta mill-akkuzi kontrihom li l-kumpanija ma rreferitx il-kaz lill-Pulizija, qalu l-

appellanti kif kienu kitbulhom li l-kumpanija kienet bi hsiebha taghmel.

L-appellanti talbu lit-Tribunal isib favur taghhom. Skond il-kumpanija fis-sottomissjonijiet finali taghha t-Tribunal ma kellux ghalfejn jara jekk id-decizjoni taghha li tkecci lil Vella u Glass kinitx tajba jew le, izda li jiddeciedi jekk il-provi migjuba mill-kumpanija kienux sufficcjenti biex jikkonferma d-decizjoni tal-kumpanija.

Il-kumpanija sostniet li t-Tribunal kellu r-rapporti tal-akkuzi biex jimxi fuqhom u ghalkemm ma tellghetx lil Ray Allen jixhed, xorta pprezentat affidavit tieghu li n-naha l-ohra kellha kull dritt itellghu biex taghmillu kontro-ezami izda deherilha li ma ttellghux ghall-kontro-ezami. Izda barra minn dan il-kumpanija qalet li kellha x-xhieda korroborata ta' Smith u Corcoran, iz-zewg membri tal-Group 4. Il-kumpanija qalet li d-dokumenti li pprezentat ta' Polacco u s-sistema Remanco saru bil-ghan biex isostnu il-kaz u l-akkuzi kontra Glass u Vella.

Il-kumpanija spjegat kif is-sistema Remanco ma setghetx tonqos dak li jkun gie bhala Sales irregistrat u dan kien preciz ma jaqbilx mar-rapporti tal-membri tal-Group 4 li hallsu ghad-drinks u ma nghatawx "receipts". Wisq naturali, meta lill-kumpanija il-bejgh ta' l-istock fil-Piano Bar kien anqas minn dak mistenni, allura qalet il-kumpanija kien jindika li ma kienx qieghed jigi rregistrat.

Wara li l-kumpanija spjegat certi nkonsistenzi fix-xhieda ta' l-appellanti u kemm allura kienu korretti fix-xhieda Smith u Corcoran tal-Group 4, il-kumpanija qalet li wara li spiccaw l-appellanti mill-impjieg, is-sales fil-Piano Bar regghu lura ghan-normal. Il-kumpanija sostniet li ma kien jezisti l-ebda "frame up" kontra l-appellanti ghax

kif kien possibbli li daqshekk nies fil-Management, fatti u osservazzjoni ta' membri tal-Group 4 ikunu konfoffa wahda?

Il-kumpanija ghalqet is-sottomissjonijiet finali taghha billi ddikjarat li d-decizjoni tat-tkeccija ta' l-appellanti kienet wahda amministrattiva bazata fuq inkjesti nternali u osservazzjoni minn nies indipendenti tal-Group 4, ibbakkjati minn "findings" fuq il-"cash sales" u l-"potential sales" tal-Piano Bar.

6. **KUNSIDERAZZJONIJIET**

Is-sur Christopher Vella u s-sinjura Gina Glass, Barman u Waitress sfaw imkeccija mill-impjieg wara li nstabu hatja ta' diversi akkuzi allegatament kommetti waqt xogholhom fil-Piano Bar tal-Holiday Inn Crown Plaza Hotel.

It-Tribunal huwa sodisfatt li z-zewg impjegati gew moghtija l-facilita' biex jiddefendu lilhom infushom, skond il-Ftehim Kollettiv vigenti, stante li s-segretarju tat-Taqsima li taghha kienu membri mistoqsi fil-bidu tas-smigh tal-kaz taghhom ma oggezzjonax ghall-proceduri dixxiplinarji.

Ma hemmx dubju li l-bazi tal-akkuzi kontra z-zewg appellanti kienu r-rapport taz-zewg membri tal-Group 4 li ghamlu fuqhom wara li osservahom waqt ix-xoghol fil-1 u 2 ta' Awissu 1995, u naturalment ix-xhieda taghhom fis-smigh dixxiplinarju fis-7 u 8 ta' l-istess xahar. Izda l-kaz ma kienx biss dovut li jittratta fuq dan l-aspett, ghar-raguni li kien mehtieg ghat-Tribunal li jikkunsidra u jifli tajjeb diversi kontenzjonijiet sottomessi mill-appellanti. Dawn kienu jikkoncernaw allegazzjoni li l-kaz kontrihom inhema u gie esegwit biex il-kumpanija tehles

min Vella, ghax kien ix-shop steward, li b'xi mod, skond Vella stess ma kellux relazzjonijiet tajba mal-General Manager ta' dak iz-zmien, is-sur Stephen Lloyd.

Skond Vella, wahda mill-fatturi biex jitpogga f'posizzjoni hazina kienet l-uzu ta' certu xorb (ta' l-istess kwalita' izda ta' produtturi differenti) minghajr ma kienu nfurmati.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal huwa sodisfatt li l-kumpanija pprovdiet spjegazzjoni cara u kredibbli biex tiggustifika dan. Tant huwa veru li fix-xhieda tieghu l-Beverages Manager stqarr li l-uzu ta' dan ix-xorb barra milli kien awtorizzat mill-Manager ma kienx isir bil-mohbi u ma setax jippregudika l-posizzjoni tal-Barmen.

Kontenzjoni ohra kienet li z-zewg membri tal-Group 4 li gew imqabbda biex josservaw il-Piano Bar kienu ordnati jaghmlu hekk specifikament lil Vella u Glass. Din giet michuda mill-Kumpanija li qalet li dan l-ezercizzju tal-Group 4 kien ilu sejjer minn Mejju u fl-ebda hin ma kienu gew imqabbda josserva specifikament lil Vella u Glass ghalkemm il-kumpanija qalet li rat mal-14 ir-rapport ta' din ix-xorta.

It-Tribunal josserva li ma ra l-ebda rapport ta' din ix-xorta, barra dawk ta' Smith u Corocran, il-membri tal-Group 4 li osservaw lill-appellanti. Dan ma jfissirx li anke jekk ma kienx hemm rapporti mill-Group 4 fuq l-operat tal-Piano Bar qabel l-1 u 2 ta' Awissu 1995. Il-kumpanija ma kellhiex dritt tordna osservazzjoni fuq Vella u Glass specjalment jekk kienet qeghda tidher indikazzjoni li kien hemm nuqqas konsiderevoli tal-"Potential Sales" previst mill-Piano Bar.

Pero' sorveljanza ta' din ix-xorta jekk kienet limitata specifikament dwar Vella u Glass tissejjeh ingusta meta kien hemm barmen u waitresses ohra li kienu jimmanjaw il-Piano Bar.

It-Tribunal ma setax ma jaghtix konsiderazzjoni qawwija lix-xhieda taz-zewg membri tal-Group 4 wara dak li raw u osservaw fl-1 u 2 ta' Awissu, 1995 cioe' li ma gewx moghtija l-ircevuti ta' dak li hallsu.

Jidher ukoll li kull meta hallsu x-xorb li kienu ordnaw il-membri tal-Group 4, osservaw lill-Barman jopera jew jippancja t-till pero' ziedu jixhdu li ma harget u ma naghtaw l-ebda rcevuta.

It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita li l-kumpanija xi zmien wara l-1 u 2 ta' Awissu 1995 iccekjat u qabblet il-"computer data" li kellha mar-rapport taz-zewg membri tal-Group 4.

Dan hu konfermat fil-"Board Findings" tar-rapport tad-dixxiplina datat l-10 ta' Awissu, 1995.

It-Tribunal izda josserva li ma sar l-ebda "till check" fiz-zewg granet l-1 u 2 ta' Awissu, 1995 li kien jikkonferma l-computer data tar-Remanco tal-kumpanija u x-xhieda tal-membri tal-Group 4.

It-Tribunal irid josserva wkoll li Franco Schembri li kien id-"Duty Manager" f'gurnata minnhom - fil-gurnata l-ohra Schembri kien prezenti bhala Beverages Manager - suppost kellu d-dmir li jissorvelja l-Piano Bar, fi kliemu meta xehed qal li kien prezenti ghall-95% tal-hin tad-"duty" tieghu.

Jidher li Schembri ma ssejjahx biex jixhed fid-"Disciplinary Hearing" tas-7 u 8 ta' Awissu 1995. Dan qieghed jinghad fil-kwadru tax-xhieda ta' Trevor Corcoran, wiehed mill-Group 4 li fl-affidavit tieghu datat l-1 ta' Awissu 1995, iffirmat fis-7 ta' l-istess xahar jiddikjara li "also behind the bar at the time was a person named Frank or Franco wearing a dark jacket, light trousers with dark hair and carrying a mobile phone. This person was present when I paid Chris for my first drink, no receipt was given".

It-Tribunal sema' lix-xhud Corcoran tal-Group 4 jispjega ir-raguni li gaghlitu jitlob lil Vella ricevuti f'total ta' mija u hamsin liri Maltin (Lm150) biex prezumibbilment ikopri l-ispejjes ta' Lm26 u Lm15.75 li kien hallas ghax-xorb li kien ordna fiz-zewgt iljieli li ma rceviex "receipts" taghhom.

It-Tribunal huwa ferm sorpriz li Corcoran ma ghamel l-ebda referenza ghal dan l-arrangament li skond hu ghamel ma' Vella fir-rapport originali tieghu tal-1/2 ta' Awissu 1995 u semmiehom fl-Affidavit li ffirma u halef fis-7 ta' l-istess xahar.

Corcoran xehed ukoll li wara t-talba tieghu ghal dawn l-ircevuti, Vella tah tlieta (3) sfuzi li ma kienux l-ircevuti ghal dak li hallas, u dawn l-ircevuti sfuzi Corcoran jixhed li ppassjhom lis-sur Josef Cuschieri tal-Group 4.

Fix-xhieda tieghu dwar Gina Glass Corcoran qal "No, No I did notice at all anything wrong" u "I do not remember her actually punching money on the cash register."

It-Tribunal josserva wkoll li x-xhieda ta' Smith, il-membru l-iehor tal-Group 4 fil-generality tax-xhieda ma

tindikax li Glass naqset mid-doveri taghha. F'dan il-kwadru u d-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina tal-kumpanija li lliberat lil Gina Glass mill-ewwel u l-akbar akkuza ta' "Theft of various sums of money to the deteriment of the Company" it-Tribunal fic-cirkostanzi ma sema' l-ebda provi u evidenza konklussivi li Glass "disobeyed Company instructions" u rrendiet lill-"Company liable to criminal proceedings".

Huwa veru li dawn iz-zewg membri tal-Group 4 xehdu quddiem il-Bord tad-Dixxiplina dwar Vella u Glass izda t-Tribunal jinteressah biss dak li semaghhom jixhdu quddiemu bil-gurament.

Zewg fatturi ohra li kellhom parti mportanti fil-kaz kienu l-ezercizzju dwar il-"Potential Sales" tal-Piano Bar u l-insistenza tal-Union biex isir "stock take"; dwar l-ewwel wiehed li dan kien l-origini li wassal lill-kumpanija tqabbad sorveljanza esterna tal-Piano Bar waqt li tat-tieni fil-fehma tat-Tribunal kienet biss biex tiddetermina jekk kienx hemm xorb izjed jew anqas izda bl-ebda mod ma kienet tindika jekk dan kiex jinstabbillixxi d-dhul fil-cash register.

Meta s-sur Victor Pollacco il-Financial Controller spjega l-portata ta' l-ezercizzju dwar il-"Potential Sales" u bbakkjah b'affidavit biex wasal ghall-konkluzjoni li l-"Potential Sales" wrew titjib konsiderevoli wara li kienu tkeccew Vella u Glass, fil-fehma meqjusa tat-Tribunal dan ir-rizultat ma jistax b'certezza jittiehed li kien ikkawzat mill-eliminazzjoni ta' Vella u Glass mill-Piano Bar.

It-Tribunal huwa ferm perpless kif il-kumpanija ffaccjata minn indikazzjoni nsistenti ta' nuqqas fis-Sales mill-Piano Bar li jekk almenu ghar-ragunijiet ta' segretezza

kompleta l-kumpanija ma riditx tafda lid-Duty Manager Manager bl-investigazzjonijiet li kienu ghaddejin, ma jidhirx li dehrilha li tinvolvi lill-Beverages Manager, is-sur Gaffiero bl-investigazzjonijiet li kienet qeghda taghmel.

Intqal quddiem it-Tribunal li meta l-kumpanija ghamlet "till check" fil-Piano Bar fil-passat dan kien gie opponut minn Vella ghar-raguni skond Vella, allura bhala Shop Steward ghax dan kien jindika nuqqas ta' fiducja fil-Barmen izda ma kienx kontra li "till checks" ikunu estizi f'kull Dipartiment.

It-Tribunal huwa tal-fehma li din setghet kienet wahda jekk mhux ir-raguni ghaliex ma sarx "till checks" fil-1 u 2 ta' Awissu 1995. Hemm probabilita' qawwija li dan it-"till check" kien ikun il-prova definittiva jekk Vella u Glass kienux qeghdin jaqdu dmirhom sewwa fil-Piano Bar.

Fil-fehma tat-Tribunal komunikazzjoni diretta bejn l-investigaturi u l-General Manager f'dak il-hin li kienu qeghdin josservaw l-operat tal-Piano Bar kien jirrizulta f'"till check" immedjat.

La qieghed fuq is-suggett tat-"Till Checks" it-Tribunal irid jaghmilha cara li l-kumpanija ghandha kull dritt taghmel "Till Checks" sporadici u meta ikun hemm raguni serja bhal fil-kazi in ezami.

M'hemmx ghalfejn it-Tribunal izid li "till checks", ftuh u ezaminazzjoni ta' "computerised data" li jkunu jinvolvi akkuzi ta' skorretezza fil-cash registers ghandhom dejjem isiru fil-prezenza ta' l-impjegati li jkunu responsabbli mill-cash registers.

It-Tribunal innota u kkunsidra l-istatement li Vella ghamel lill-Pulizija quddiem l-Ispettur Stephen Gatt u l-PS 1492 Pace fil-15 ta' Jannar, 1996 li l-istess Vella ghazel li ma jiffirmax.

Dan it-Tribunal qieghed jirreferi ghalih in vista ta' l-argument ta' l-appellant Vella li l-kumpanija naqset li tirreferi r-rapport kontrieh lill-Pulizija kif kien iddikjara l-General Manager tal-Holiday Inn, Stephen Lloyd fl-ittra tieghu tal-10 ta' Awissu 1995 meta Vella safa mkecci.

Skond Vella dan ma sarx ghax ma kienx hemm gustifikazzjoni ghall-akkuzi kontrieh waqt li l-kumpanija ssottomettiet li dehrilha li Vella gie kkastigat bizzejjed meta tkecca.

Fuq dan il-punt it-Tribunal ma huwiex f'posizzjoni li jippontifika ghalkemm jista' jkun li kemm asserzjoni jew ohra se mai anke t-tnejn setghu kienu r-raguni li l-kaz ma giet riferit lill-Pulizija.

Intqal li wiehed mill-membri tal-Group 4 li ghamel l-investigazzjoni kien jidher xi ftit xurban u li hu jew siehbu ma kienx fil-Piano Bar f'wahda mill-jiem li saret l-investigazzjoni - Dwar dan fil-gudizzju tat-Tribunal ma kienx hemm provi - kieku t-Tribunal kellu jemmen allegazzjonijiet ta' din ix-xorta, ma kienx ikun jista' jikkummenta fuq dak li qalu fl-evidenza taghhom.

It-Tribunal jaghraf is-serjeta' tal-Affidavit izda jippreferi jisma' x-xhieda "viva voce". F'dan ir-rigward l-affidavit tas-sur Ray Allen tal-Group 4 kien nieqes mill-konferma b'xhieda quddiem it-Tribunal.

Finalment it-Tribunal ezamina u kkunsidra kull ma gie pprezentat anke jekk dawn kellhom valur limitat. Tutto

sommato, l-inkarigu tāt-Tribunal hu li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg taz-zewg appellanti kienx ghall-raguni tajba.

## 7. DECIZJONI

Wara li ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, ra u ezamina l-procedura dixxiplinarja nterna fil-Holiday Inn Crowne Plaza Hotel kif stipulata fil-Ftehim Kollettiv vigenti bejn il-kumpanija u t-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General Workers' Union, ikkunsidra s-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizzjonali tal-partijiet, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq, kif ukoll ikkunsidra l-fatti u c-cirkostanzi kollha nkluza d-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina tal-kumpanija tas-7 u 8 ta' Awissu 1995 fejn Gina Glass ma nstabitx hatja ta' l-ewwel u fil-fehma tat-Tribunal l-aktar akkuza gravi cioe' ta' "Theft of various sums of money to the detriment of the Company".

It-Tribunal isib li ghab-bazi tal-meritu tal-kaz quddiemu, t-terminazzjoni tal-impjieg ta' Gina Glass ma jistax jitqies li kien ghal raguni tajba u sufficcjenti.

Illi fil-kaz ta' Christopher Vella t-Tribunal isib li ma gews prodotti provi sufficcjenti u konklussivi li jiggustifikaw minghajr dubju t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-istess appellant Vella.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant Christopher Vella ma kinitx gustifikata.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li z-zewg appellanti Gina Glass u Christopher Vella ghandhom jithallsu kumpens mill-Holiday Inn Crowne Plaza Hotel.

Jiddeciedi u jordna li dan il-kumpens ghandu jkun ta' Elfejn Tlett Mija u Hamsa u Sittin Liri Maltin u Sitta u Sittin Centezmi (Lm2,365.66c) lil Christopher Vella, u Elfejn Sitt Mija u Sebghin Liri Maltin u Hamsa u Tmenin Centezmi (Lm2,670.85c) lil Maria Regina Glass sive Gina Glass.

It-Tribunal jordna li dan il-kumpens ghandu jithallas sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 1998.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu skond A.L. 48 tal-1986, it-Tribuanl qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lid-difensuri (kull wiehed) li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

----------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

---------------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg